MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 580/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**Spettur Joseph Mercieca**
**v**

**PIERRE BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIERRE BUTTIGIEG** ta' wiehed u tletin sena bin David u Pauline nee Dingli, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' April 1974 u residenti 143, Triq il-Flotta, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 195874M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fl-ewwel ta' Novembru 2004 mill-hanut bl-isem 'Billy's Bar & Restaurant', sitwat fi Triq l-Gholjiet, Mellieha, ikkommetta serq ta' flus kontanti, Humas – 5400 satellite decoder w oggetti ohra ghad-

dannu ta’ David Bonanno mill-Mellieha, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bil-hin;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ David Bonanno, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jw imexxihom:

4. Talli sar revidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta’ Lulju 2005 esibit a fol 18 tal-atti bhala Dok. CSH, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sitta ta’ Frar 2006 (fol 27) li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar l-ewwel ta’ Novembru 2005 esibit a fol 61 et seq tal-atti processwali liema esperti hemm nominati gew kkonfermati minn din il-Qorti kif preseduta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Dicembru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Awissu 2006 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 138] fejn qal li fl-ewwel ta' Novembru 2004 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart kien ghamel rapport l-ghassa tal-Mellieha certu David Bonanno fil-kapacita tieghu bhala sid tal-Billy's Bar & Restaurant sitwat fi Triq l-Gholjiet, il-Mellieha, fejn kien rraporta li meta mar ir-restaurant kien sab illi xi hadd kien sgassalu l-bieb ta' l-aluminium fil-genb tar-restaurant u minn gewwa kien sab nieqes ammont ta' flus kontanti u xi apparat tas-satellita. Qal li David Bonanno kompla jghid li minn gol-bar kien sab nieqes ammont ta' mija u hamsin lira maltin fi flus kontanti, kif ukoll id-decoder tal-marka Humax li jiswa mija u hamsin lira maltin. Zied jghid li fil-bar kien sab bieb li jaghti ghall-ufficju li kien sgassat ukoll u minn hemm kien sab nieqsa l-ammont ta' mitejn u hamsin lira maltin w ghoxrin e-talk cards tal-hames liri maltin il-wahda, filwaqt li mid-disco, isfel, kien sab l-ammont ta' mitejn u hamsin lira maltin fi flus kontanti nieqsa mill-cash register.

Ix-xhud zied jghid li sussegwentement, meta kellem lid-derubat David Bonanno dan kien qallu li kien qed jissuspetta f'certu Pierre Buttigieg, l-imputat odjern. Qal li David Bonanno kien qallu wkoll li hutu, certu Noel Buttigieg u Christian Buttigieg, kienu jahdmu mieghu dik il-habta u l-imputat kien ihobb imur hemm kultant. Spjega li hu kien kellem lil hut l-imputat u cioe lil Noel u Christian u kienu qalulu li huhom l-imputat kien ihobb imur hemmhekk filghaxijiet. Ix-xhud qal li hu kellem ukoll lill-imputat u hadlu stqarrija bil-miktub li tinsab esebita a fol 46 tal-process. Ikkonferma l-kontenut taghha u zied jghid li nghata s-solitu twissija qabel din l-istqarrija ttiehdet fil-presenza ta' PS 1174. Qal li l-imputat kien ghazel li jiffirma l-istqarrija u fuqha gharaf il-firma tal-imputat, tieghu u ta' PS 1174 kull fejn tiddekorri f'kull faccata ta' l-istess stqarrija. Ikkonferma wkoll ir-rapport li kien ghamel lill-Magistrat Inkwerenti Dottor Giovanni Grixti li jinsab esebit a fol 11 tal-process.

Mistoqsi jekk giex avvicinat id-derubat waqt dawn it-tfittxijiet odjerni, ix-xhud wiegeb li iva kien hemm.

Sussegwentement kien gie avvicinat minn hu David Bonanno, Jesmond Bonanno li kien qal li fl-ghaxra ta' Lulju 2006 l-imputat kien mar ikellmu w inqala xi argument ghaliex ried idahhal kelb go discotheque u l-imputat hareg b'sikkina ghalih.

Illi nhar s-sebgha ta' Awissu 2006 **xehed l-Ispettur Geoffrey Azzopardi** [fol 141] fejn wara li ra sentenza esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok CM 3 a fol 37, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Geoffrey Azzopardi u Spettur Stephen Mallia) vs Pierre Paul Buttigieg et, ikkonferma li din is-sentenza nghatat fil-konfront ta' l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla u zied jghid li f'din is-sentenza hu kien l-Ufficjal Prosekutur w gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna.

Illi nhar s-sebgha ta' Awissu 2006 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 143] fejn wara li ra s-sentenza esebita f'dawn l-atti bhala Dok CM 2 a fol 34 et seq tal-process, ikkonferma li din is-sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla u zied jghid li f'din is-sentenza hu kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur.

Illi nhar s-sittax t'April 2007 **xehed PS 559 Jason Spiteri** [fol 159] fejn esebixxa rapport li sar fl-ewwel ta' Novembru 2004 li kien gie rrapurtat minn David Bonanno liema rapport gie mmarkat bhala Dok Z.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2007 **xehed David Bonanno** (fol 171) fejn qal li hu l-operatur tar-Restaurant Billy's Bar & Restaurant li jinsab fi Triq l-Gholjiet, Mellieha. Qal li bejn it-tletin ta' Ottubru u l-ewwel ta' Novembru 2004, kien safa vittma ta' serq u dan billi meta kien qed iwassal lill-mara l-isptar fl-ewwel ta' Novembru ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija ra wiehed mill-bibien tar-restaurant tieghu miftuh u meta dahal gewwa, sab li kien hemm diversi oggetti neqsin. Qal li ssegwentement mar l-ghassa tal-pulizija l-Mellieha, w ghamel rapport.

Mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li jafu ghaliex gieli mar fil-hanut

tieghu u kellu hutu jahdmu maghhom. Spjega li l-bieb li kien sab sgassat huwa is-side entrance door li fil-maggor parti ma jintuzax, pero gieli kien hemm okkazzjonijiet meta intuza. Qal li dan il-bieb fil-fatt lanqas ma jintuza mill-klienti u jintuza mill-staff biss. Spjega li dan il-bieb jifforma parti mill-faccata ta' l-istabbiliment w ghalhekk jinstab f'kundizzjoni tajba u li l-pubbliku pero ma ghandux access ghalih. Qal li dan il-bieb rari jintuza mill-haddima tieghu ghaliex regolarment ikun imsakkar. Ikkonferma li l-bieb mhux magenb il-main entrance jinsab, pero huwa fuq il-faccata tat-triq u hemm bejn wiehed u iehor sittin pied bejnu u bejn il-bieb principali. Kompla jghid li l-impjegati ma ghandhomx access ghal dan il-bieb u li c-cwievet jinsabu f'idejh u f'idejn hutu. Qal li l-bieb huwa ta' l-aluminium bl-aluminium bars u biex jinfetah dan il-bieb hemm bzonn il-permess tas-sidien. Qal li effettivament is-serqa saret bejn il-wiehed u tletin ta' Ottubru u l-ewwel ta' Novembru. Qal li l-bieb kien sgassat meta sabu filghodu miftuh.

Mistoqsi jghid x'affarijiet sab neqsin, ix-xhud wiegeb li kien hemm Humax Decoder, flus minn zewg kaxxi neqsin, flus mill-ufficju neqsin, phone cards tal-Vodafone u Go Mobile kif wkoll cards tal-ICM u xi oggetti li ma kienux ghadhom f'posthom. Qal li d-decoder tal-marka Humax kien jiswa xi mitejn lira maltin u li flus cash kien hemm bejn wiehed u iehor xi sitt jew sebgha mitt lira maltin. Qal li kien jaf kemm kien hemm flus fil-cash u kien jaf kemm kien hemm flus fl-ufficju.

Mistoqsi jghid ghaliex lill-pulizija qalilhom li kien hemm mija u hamsin lira maltin biss neqsin ix-xhud wiegeb li effettivament mija u hamsin lira maltin minn cash wahda. Ikkonferma li flus kien hemm iktar misruqa. Cahad dak li gie suggerit lilu mid-difiza li hu m'irrapurtax is-serq ta' cards. Qal li dak iz-zmien kellu wiehed biss staff certu Christian Buttigieg. Qal li lil imputat jafu bhala parentela ta' wiehed mill-impjegati tieghi. Ix-xhud zied jghid li l-body language ta' l-imputat qatt ma kienet toghgbu pero qatt ma kellu xi jghid mieghu u li s-suspett li kellu parti minnu, kien bbazat fuq il-fatt li l-atteggjament tieghu ma tantx kien joghgbu filwaqt li l-parti l-ohra ghaliex jaf il-background

tieghu u dan ghaliex l-imputat m'ghandux kondotta tajba mal-pulizija. Ikkonferma li hu ma rahx jaghmel li ghamel vizwalment.

**In re ezami ix-xhud,** mistoqsi x'kien hemm bhala hsara qal li kien hemm il-bibien sgassati, l-antriporta sgassata minn gewwa li ghaliha hallsu bejn wiehed u iehor mija u hamsin lira maltin biex jirrangaw il-hsarat. Zied jghid li bhala danni sofrew bejn wiehed u iehor iktar minn elf lira maltin. Qal li l-imputat kien mar fil-hanut tieghu fi zmien inqas minn xahar qabel ir-reat in kwistjoni. Spjega li l-bieb tal-genb, huwa street level.

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami tal-process verbal esibit jirrizulta li l-Magistrat Inkwerenti Dottor Giovanni Grixti, b'digriet tal-erbatax ta' Frar 2005 kien innomina lil Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat u jikkomparhom ma dawk mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt mkinn PC 1253 Frederick Brincat.

Illi nhar t-tmintax ta' Jannar 2005, deher PC 1253 Frederick Brincat li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li tinsab inserita a fol 104 et seq tal-atti odjerni.

Illi huwa esibixxa lifters li gew immarkati bhala Dok. 04 CWN 301-304, liema lifters gew elevati minn fuq il-parti ta' barra tal-bieb ta' wara tal-fond kif jidher mir-ritratti esibiti minnu stess w immarkati bhala Dok. 04 CWN 301a-304a. L-istess xhud PC 1253 Frederick Brincat fl-istess seduta tat-tmintax ta' Jannar 2005, halef li qeda onestament l-inkarigu lilu moghti nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 mill-Magistrat tal-Ghassa.

Illi jirrizulta wkoll li fl-ghaxra ta' Mejju 2005, l-imsemmi espert Joseph Mallia kien ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li tinsab a fol 122 tal-atti.

Huwa esibixxa l-impronti digitali tas-swaba tal-imputat mehuda seduta stante nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April

2005 li gew immarkati bhala Dok. PB 1 u l-impronti digitali tal-pala tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. PB 2.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-impronta li tidher fuq il-*lifter* Dok. 04 CWN 302 giet komparata w identitifikata konklussivament mal-marka tal-pala tal-id ix-xellugija tal-imputat (fol 131).

Il-Qorti, hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza **taghha moghtija nhar *t-tlieta ta' Settembru 2007* fl-ismijiet Il-Pulizija v Malcolm Mifsud** dwar l-import tal-impronti digitali li jkunu gew identifikati, fejn fiha hemm referenza ghall-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika, hija s-segwenti:

"*That degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*" (**Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.**)

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni; l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena *deciza fit-tlieta w ghoxrin***

***ta' Jannar, 1996.*** Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri *mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Magistrati*** fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija v Victor Gatt *nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999***. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li il-kaz tal-Prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma din s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe li l-prova ta' *fingerprints* wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija. Fil-fatt fis-sentenza moghtija ***fit-tletin ta' Gunju, 1998*** fl-ismiijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri** gie deciz li:

"*F'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza*."

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan (3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )*** gie deciz li:

"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu ***Forensic Medicine*** [6th Edition pagna 19]

"***Glanton*** *estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza ndikata mill-Prosekuzzjoni u cioe dik moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismiijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra:**

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova* <u>*wahda*</u> *jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Sentenza ohra ta' referenza fuq il-materja hija dik moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela** fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xrob, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints*."

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-*fingerprint* ghandha

tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-*fingerprints* misjuba ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond u setgha mess il-post fejn instabet l-impronta.

L-Avukat Difensur f'din il-kawza, sostna li hija l-prova tal-impronti digitali biss li torbot lil imputat mal-akkuzi ta' serq moghtija fil-konfront tieghu u fil-fehma tieghu, dawn ma setghu qatt ikunu prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-konfront tal-imputat u dan peress li dawn instabu skond hu, f'post pubbliku, cioe f'post fejn jidhlu hafna nies u li ghalhekk skond hu, kellu jkun hemm xi forma ta' korroborazzjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija recentement mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Dicembru 2004*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Noel Frendo** fejn gie ritenut li;

*"L-impronti digitali [u dawk palmani] huma forma ta' prova ndizzjarja - circumstantial evidence, li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne - 1973 AC 729 pg. 758 … works by cumativly in geometrical progression, eliminating other possibilities. Fil-fatt, dik il-Qorti ulterjorment qalet li l-kwistjoni hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni hija jekk fid-dawl tac-cirkosatanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lil gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li dik l-impronta saret mill-persuna li liliha tappartjeni fil-kors tal-kjommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghal inqas ghal tenttattiv ta' dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, l-imputat ma xehex kif kellu kull dritt li jaghmel, pero kien irrilaxxja stqarrija nhar s-sebgha ta’

Novembru 2004 liema stqarrija tinsab esibita a fol 46 tal-atti markata bhala Dok. CM 4.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat gieli mar f'dan l-istabbiliment, **pero qatt** ma jghid li dahal mill-bieb fejn instabu l-impronti digitali. Fl-ebda stadju tal-proceduri ma huwa jipprova jiggustifika l-presenza tal-impronti tieghu fuq il-bieb u dan nonostante li kellu cans jaghmel hekk billi jaghzel li jixhed u jaghti spjegazzjoni ghal dan il-fatt.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu u cioe li l-imputat ma tax spjegazzjoni ta' kif kellhom jinstabu l-impronti digitali tieghu f'dawn il-postijiet li gew derubati, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma temminx li s-serqiet gew kommessi minnu.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti qed issib lil imputat PIERRE BUTTIGIEG hati tal-ewwel zewg akkuzi filwaqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni** stante li din inghatat mill-prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq.

Dwar l-akkuza ta' recidiva din tirrizulta wkoll ippruvata u dan ghaliex kif jirrizulta mill-atti hemm esibiti fost l-ohrajn, s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v Pier (Peter Paul) Buttigieg et fejn l-Ufficjal Prosekutur w Investigattiv kien l-Ispettur Geoffrey Azzopardi u dan l-istess Ufficjal Prosekutur deher nhar t-tmienja ta' Awissu 2006 (fol 1410 w ikkonferma din is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern. F'din is-sentenza l-imputat kien instab hati flimkien ma ohrajn ta' diversi serqiet li sehhew fis-sena 2002 u kien gie kkundannat tmintax il-xahar habs. Illi ghalhekk stante li din il-Qorti qed issibu hati ta' din l-akkuza ta' serq li sehh fis-sena 2002 il-Qorti qed tiddikjara li huwa recidiv.

Ai fini ta' piena, il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 20 et seq tal-atti w immarkata bhala Dok. CSH 2, u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga ghandu ghaxar *convictions* registrati fuqha sa mis-sena

2005 fejn nstab hati ta' diversi akkuzi, fosthom diversi serqiet, pussess ta' droga, talli kkaguna feriti ta' natura hafifa, falsifikazzjoni, frodi, vjolenza fuq Ufficjal Pubbliku w ohrajn w inghata diversi cansijiet sabiex jirriforma ruhu sabiex jevita li jmur il-habs ghalkemm diga ghamel xi zmien il-habs wkoll, dan nonostante pero l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u rega' jinsab quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Ghalhekk **il-Qorti** fid-dawl ta' dawn il-provi, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 278(2), 325(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat PIERRE BUTTIGIEG hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur, talli kkaguna hsara voluntarja u talli huwa recidiv, u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza ta' ricettazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------